MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KEVIN MOMPALAO

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 29/2014

Mobisle Communications Ltd

Vs

Vincent Xuereb

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-kumpanija attrici talbet illi l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' tlett mija u hamsa u hamsin Ewro u wiehed u sittin centezmu (€355.61) import ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni fil-kontijiet numru 40165115 u 50862130; liema somma tinkludi wkoll spejjes ta' ittra ufficcjali fl-ammont ta' sittin Ewro u erbgha u hamsin centezmu (€ 60.54) . Dan bl-ispejjez kollha.

Ra illi l-konvenut gie notifikat b'dan l-avviz permezz tal-procedura tal-publikazzjoni u affissjoni.

Il-konvenut qatt ma pprezenta risposta jew deher biex jikkontesta t-talba.

Ra u sema l-provi mressqa u ra d-dokumenti esebiti.

Ra d-digrieti kollha tieghu nkluz dak tal-hdax (11) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) li permezz tieghu din il-kawza giet mhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ra l-bqija ta' l-atti.

Ikkonsidra

Illi l-konvenut naqas milli jikkontesta din it-talba. Fil-fatt huwa la pprezenta risposta fiz-zmien li trid il-ligi u lanqas qatt deher quddiem it-tribunal sabiex jikkontesta t-talba. In-notifika tal-konvenut saret permezz tal-publikazzjoni u ta' l-affissjoni. L-estratt ta' dan l-avviz gie ppublikat fil-gazzetta tal-gvern kif ukoll fil-gurnal 'The Times of Malta'. Saret ukoll l-affissjoni kif titlob il-ligi.

Illi fis-seduta tal- hdax (11) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015) it-Tribunal sema' lir-raprezentant tal-kumpanija attrici jikkonferma illi sa dik id-data l-kreditu intier kien ghadu dovut. Il-kreditu dovut huwa spejgat ukoll fir-rendikont esebit.

Illi t-Tribunal jidirlhu illi kemm fin-nuqqas ta' opposizzjoni kif ukoll fil-kumpless tal-fatti u provi kif prodotti quddiemu, t-talba attrici tidher wahda gustifikata u timmerita li tigi akkolta. B'dan pero illi is-somma pretiza ghal-ispejjes ta' l-ittra ufficcjali fl-ammont ta' €60.54 ma ghandiex tigi akkolta. Qabel xejn spejjes ta' ittra ufficcjali ma jidhlux mas-sorte izda jigu nkluzi fit-talba ghall-ispejjes. In oltre ma saret l-ebda prova ta' l-ittra ufficcjali stante illi dak li gie esebit hija biss kopja informi bla data, bla numru, u bla firma, kif ukoll nieqsa mit-timbru tal-Qorti, li jhallu dubbju jekk verament din gietx prezentata jew le.

Wara li ra ukoll l-atikolu 13B tal-Kap 380.

Jaqta u jiddecidi din il-kawza billi jilqa' t-talbiet attrici, jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-kumpanija attrici s-somma ta' mitejn u hamsa u disghin Ewro u seba centezmi 295.07). Bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz il-quddiem. Fic-cirkostanzi l-ispejjes jigu supportati kwantu ghal kwint (1/5) mill-kumpanija attrici u erba' kwinti (4/5) mill-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM---------------------------------